KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 71

**It-Tnejn 22 ta' April 2024**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Christianne Mifsud – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 71.1 Qari tal-Apoloġiji

71.1.1 Is-SE infurmat li ma kellha ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Dr Attard. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

71.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

71.2.2 Il-minuti tas-seduti numru 70 ġew approvati b'mod unanimu u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 71.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

71.3.1 Is-Sindku informa li beda x-xogħol fuq wara tal-parkeġġ ta' Binja Qlejgħa. Huwa informa li kien ukoll irranġa mal-Korporazzjoni Enemalta biex jiġi mgħoddi l-elettriku u jitwaħħlu l-arbli għad-dawl ġodda. Huwa informa li l-għada kellha ssir laqgħa oħra mal-inġinier u l-periti. Hekk kif jitlesta dan ix-xogħol, kien se jibda l-proġett tal-eks *married quarters*. Wara diskussjoni kien hemm qbil li s-Sindku għandu jara hux possibbli li TM tirranġa xi ftit it-trejqa tal-konkos li tinsab biswit il-binja u s-SE għandha tibgħat ittra lill-amministratur biex tinfurmaha li dan ix-xogħol se jkun qed isir bla ebda preġudizzju.

71.3.2 Is-Sindku informa li skont informazzjoni li għaddewlu IM, it-telgħa għandha tinfetaħ lura għall-vetturi lejn l-aħħar ta' April.

71.3.3 Is-SE infurmat li se jkollha laqgħa ma' rappreżentanti ta' Ambjent Malta dwar iż-żbir tas-siġar tat-telgħa tal-Imtarfa.

71.3.4 Is-Sindku informa li kellmu l-foreman tal-Fondazzjoni taż-Żoni Turistiċi u dawn infurmawh li kienu se jibdew jagħmlu xogħol fuq il-ħwat ta' bejn il-barracks. Min-naħa tal-Kunsill kien inxtara xi materjal biex isir dan ix-xogħol.

71.3.5 Is-Sindku informa li din il-ġimgħa kellu konferma li ċ-ċentru terapewtiku mhux se jsir fl-Imtarfa. Is-Sindku rringrazzja lill-Gvern Ċentrali talli sema' t-talba kif ukoll lill-kunsilliera kollha li żammew magħquda u sodi.

71.3.6 Is-Sindku informa li kienet tħejjiet laqgħa mal-komunità kummerċjali kif ukoll mal-entitajiet ta' madwar il-pjazza. Min-naħa tal-amministrazzjoni kienu wkoll bdew iduru l-meters biex nassiguraw li jkunu identifikati kollha li huma. Is-Sindku informa wkoll li skont informazzjoni li għandu, l-arkati kienu se jieħdu madwar xahar biex jitħattew.

71.3.7 Is-Sindku informa li kien attenda għal laqgħa mal-Onorevoli Omar Farrugia, Segretarju Parlamentari responsabbli mix-Xogħlijiet Pubbliċi, fejn il-Gvern kien se jalloka €10M, se jkun hemm sistema fuq portal u l-Kunsilli setgħu japplikaw online għal xogħlijiet fil-lokalità. Kien

se jkun hemm ukoll Perit u Case Officer fuq kull distrett. Huwa informa li nhar il-Ġimgħa 26 ta' April kien se jiġi ffirmat MoU.

71.3.8 Is-Sindku informa li l-aħħar laqgħa tar-reġjun ma kinitx saret.

71.3.9 Is-Sindku informa li l-polyclinic tar-rabat kien ingħalaq għall-pubbliku u dakinhar filgħodu kienet saret spezzjoni fil-kamra tal-kompjuters biex jaraw tistax tintuża flok klinika b'mod temporanju.

## 71.4 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (Jannar – Marzu 2024)

71.4.1 Is-SE infurmat li l-*accountant* kienet għaddietilha r-rapport finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena. Min-naħa tagħha infurmat ukoll li l-*accountant* ma tistax tidħol *online* minħabba li kienet l-isptar u għaldaqstant kienet se tagħti spjega żgħira hi.

71.4.2 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien għadu b'indikatur finanzjarju pożittiv grazzi għall-fondi bil-quddiem li rċieva mingħand Project Green għall-proġett tal-foresta tal-frott. Bħala baġit għall-ewwel tliet xhur, il-Kunsill kien qed jippjana li jkun fuq pożizzjoni ta' *breakeven* però spiċċa l-ewwel kwart bi żbilanċ ta' €925.

71.4.3 Il-Kunsill approva r-rapport u dan ġie ffirmat mis-Sindku u s-SE.

## 71.5 Aġġudikazzjoni tal-offerta tal-Manutenzjoni tas-*Soft Areas*

71.5.1 Is-SE infurmat li l-offerent li kien irriżulta li huwa ċ-*cheapest compliant* kien bagħat konferma fil-pożittiv għall-kjarifika li ntalbet u għaldaqstant bord tal-evalwazzjoni kien mexxa bih kif indikat mill-Kunsill Lokali.

## 71.6 Punti Oħra

71.6.1 Is-SE infurmat li kienu saru xi intervisti għall-*Council Assistant* iżda sal-ġurnata ma nstabitx persuna adattata. Sadanittant reġgħet poġġiet avviż fuq facebook u rċevejna aktar C.V.s u se jkun hemm aktar intervisti fil-ġranet li ġejjin.

71.6.2 Is-SE infurmat li min-naħa tal-PWD kienu talbuha biex il-Kunsill jiddeċiedi x'tip ta' statwa jixtieq jagħmel fil-pjazza minħabba li din trid tiġi kkummissjonata apposta. Hija infurmat li kienet diġà bagħtet email dwar din fejn issuġġeriet statwa ta' Santa Luċija, statwa li għandha konnessjoni mal-istorja tal-Imtarfa jew xi statwa astratta u moderna. Il-Kunsill qabel li din għandha tkun statwa ta' Santa Luċija.

71.6.3 Is-SE infurmat li meta applikat għat-tielet internet key tal-BOV, ġie nnutat li l-persuna li għadu responsabbli minnha huwa l-eks Sindku. Għaldaqstant talbet biex jinbidel it-titlu fuq is-Sindku preżenti sabiex l-amministrazzjoni tkun tista' tmexxi bl-approvazzjoni neċessarja. Il-Kunsill approva.

71.6.4 Is-SE infurmat li hi u s-Sindku kellhom laqgħa ma' rappreżentanti tal-MTA u dawn kienu ssuġġerew żewġ attivitajiet bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali. Jidher li kien hemm ir-rieda li jġibu t-turisti li huma interessati fil-militar ingliż lejn l-Imtarfa.

71.6.5 Sadanittant infurmat li l-għada t-Tlieta, hi u s-Sindku kellhom laqgħa mal-kordinatur tal-istudenti tal-I.T.S. Dan sabiex inħeġġuhom biex jibgħatu xi studenti li qed jagħmlu l-kors ta' gwida biex jieħdu l-esperjenza tagħhom fil-VC meta dan eventwalment jiftaħ għall-pubbliku. Aktar dettalji kienu se jingħataw aktar 'il quddiem.

71.6.6 Is-SE infurmat li kienu nġabru mas-60 envelope biż-żerriegħa tas-sunflowers biex jipparteċipaw fil-kompetizzjoni tal-Kunsill.

71.6.7 Is-SE infurmat li min-naħa tal-kuntrattur tal-ġbir ta' skart kien għaddielha l-link għas-sistema tat-*tracking* tat-trakk.

71.6.8 Is-SE qrat email li kienet irċeviet mingħand il-GSL tal-Imtarfa Scout Group fejn dan kien informa li l-grupp tiegħu ma kinux qed jaqblu li għandhom isiru aktar attivitajiet konġunti mal-grupp ta' Scouts tal-Baden Powell.

71.6.9 Is-SE infurmat li min-naħa tal-*Managing Authority* kienu approvaw li jgħaddulna €39,186.35 (VAT inkluża) wara li ġie preżentat rapport dwar ir-raġunijiet għala saru numru ta' varjazzjonijiet. Hija infurmat li dawn kienu ta' għajnuna kbira għall-*cash flow* tal-Kunsill.

71.6.10 Is-Sindku informa li r-Reġjun kienu se jagħtu 5 cameras lil kull Kunsill Lokali fi ħdanu. Dawn se jitpoġġew mad-Drop Off point ta' Binja Santa Luċija, Drop Off point ġdida ta' Binja Buqana, Drop Off point wara Binja Qlejgħa, Drop Off point fi Triq il-Gladjoli u Triq it-Tulipani.

71.6.11 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech dwar jekk hux possibbli li titmexxa l-istruttura tal-iskart ta' Binja Buqana, is-SE infurmat li kienet kitbet lill-amministratur għall-permess minħabba li fejn kien ġie ssuġġerit huwa parti mill-komun tal-binja.

71.6.12 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li l-istruttura tal-iskart li hemm fi Triq Tulipani timxi għal Triq l-Imtarfa.

71.6.13 Hawnhekk kien hawn diskussjoni dwar l-ispiża fuq tibdil tal-bozoz fejn is-SE irrispondiet li uħud mill-bozoz fil-preżent kienu qed jiswew mal-€500 biex jinbidlu għal low energy. Din kienet saret piż kbir fuq il-finanzi tal-Kunsill. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lid-DLG
71.6.14 biex ninfurmawhom li dawn l-ispejjeż għandhom jikkunsidrawhom meta titqassam l-allokazzjoni.

71.6.5 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech dwar fiex wasal ix-xogħol fuq il-bosk, is-Sindku informa li kien twaħħal il-fence ta' wara. Huwa kien se jkellem lil Project Green biex jara fiex wasal il-permess tal-PA u x-xogħol ta' tisbiħ.

## 71.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

71.7.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 04/2024), kopja tagħha mehmuża.

71.7.2 Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 71.8 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

71.8.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7:4-pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 14 ta' Mejju fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 14 ta' Mejju 2024.

| | |
|---|---|
| Kyle Mifsud<br>Sindku | Josette Micallef<br>Segretarju Eżekuttiv |